TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

**Mark Duca**

**Vs**

**Kurt Galea Pace**

**CCT 81/21/MM**

**Illum,** 14 ta' Mejju 2026

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Mejju 2021 fejn talab is-somma ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti l-prezz imħallas għal xogħol ta' kostruzzjoni li allegatament qatt ma sar.

Ra r-rispsota tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti qed jitlob is-somma ta' elf ewro (€1,000), rappreżentanti l-prezz imħallas għal xogħol ta' kostruzzjoni li kellu jsir ifl-propjeta' tiegħu li iżda allegatament qatt ma sar.

Ir-rikorrenti jikkontesta uħud mid-dokumenti esebita mill-intimat u jsostni li Dok LB3 U Dok LB4 ossia ritratti tal-allegat lant tax-xogħol m'humiex tal-propjeta' tiegħu.

L-intimat jilqa għat talba għall rifużjoni tad-depożitu reklamata mill-attur billi jsostni li huwa wettaq ix-xogħol kollu appaltat lilu u kwalunkwe dewmien fit-tlestija ta' l-appalt hu dovut biss li terza persuna li kellha sehem mill-propjeta' fejn kellu jsir ix-xogħol kienet marida u sussegwentement ġiet nieqsa u l-intimat tilef il-kuntatt mal-werrieta tiegħu.

Illi t-Tribunal jinnota li llum il-ġurnata x-xogħolijiet li kellhom allegatament isiru mill-intimat saru minn kuntratur ieħor.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi fil-mertu, huwa prinċipju assodat illi l-partijiet f'kuntratt tal-appalt jistgħu jinħallu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom unilateralment mingħajr ebda obbligu li jagħtu raġunijiet wisq inqas raġunijiet validi għal dan: l effetti tat-teminazzjoni tal-kuntratt ta ' appalt jinsabu

regolati mill-Artikolu 1640 tal Kodiċi Civili li jipprovdi illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diga` beda.

It-Tribunal josserva illi din id-dispożizzjoni legali tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fondamentali tal-liġi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeċ iedi li tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti oħra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol, cioe` l appaltant, f'dan il-każ ir-rikorrenti, jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, tant illi l-liġi tippermetti espressament li l-ħall jista' isir anke jekk ix-xogħol ikun inbeda diga'. B' żi eda ma' dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment.

Illi madankollu, f'kaz bħal dan, hija relevanti ferm ir-raġuni għaliex il-komittent tax-xogħol jagħmel għażla bhal din, u dan għ aliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, ikun obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom kif ukoll id-danni li jkun sofra l-istess komittent.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li r-rikorrenti kellu raġuni valida li jittermina l-appalt stante li minħabba ċirkostanzi li nqalaw, ix-xogħol ma setax jitlesta fi żmien raġonevoli. Għalhekk ir-rikorrent huwa obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom kif ukoll id-danni li jkun sofra l-istess komittent. Illi fuq dan il-punt, ir-rikorrenti jsostni li l-intimat m'għamel l-ebda xogħol u għalhekk għandu jingħata rifuħjoni tal-flus kollha li laħaq ħallas u minn naħa l-oħra l-intimat isostni li huwa għamel diversi xogħolijiet.

Illi kif ingħad aktar il-fuq, il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrent naqas milli jissostanzja l-allegazzjonijiet bi provi konkreti, speċjalment fid-dawl tad-dokumenti u r-ritratti esebiti mill-intimat Dok LB3 U Dok LB4. Kien jispetta lir-rikorrenti jresssq provi tajbin u suffiċjenti biex jikkonvinċi lilt-Tribunal li x-xogħolijiet oriġinarjament appaltati lill-intimat baqgħu ma tlestewx. Ir-rikorrenti naqas ukoll milli jinkariga espert in materja biex jiġi kostatat b'mod struwit dak ix-xogħol li sar jew ma sarx, u l-valur tax-xogħol li ġie eżegwit mill-intimat, f'każ li verament jirriżulta li sar xi xogħol.

Dan kollu magħdud ifisser fiċ-ċirkostanzi, li l-attur naqas milli jissodisfa l-oneru tal prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' prbabbilitajiet mill-preponderanza tal-provi l-intimat għandu jirrifondi l-flus li tħallas għaliex naqas milli jeżegwixxi x-xogħolijiet appaltati b'mod sħiħ.

**Deċiżjoni**

Ghal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tar-rikorrenti.

**Avv Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**